**181. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Illi minkejja kull provvediment oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tal-Kamra dan li ġej għandu japplika għall-kumplament ta' din is-sessjoni tal-Parlament:

(a) Illi fl-istess ġurnata tista' tinżamm seduta fil-għodu u oħra fil-għaxija:

(b) Illi f'każ ta' seduta fil-għodu, din għandha tibda fid-9.00 a.m.; u l-ħin tal- mistoqsija ikun sal-9.30 a.m. u l-ħin ta' l-interruzzjoni tax- xogħol ikun f'nofs nhar u l- aġġornament ma' jeħux aktar minn nofs siegħa;

(c) Illi meta l-Kamra tiltaqa', nhar ta' Ħamis kemm fil-għodu kif ukoll fil- għaxija, is-seduta ta' fil- għodu tkun biex isir xogħol kif kontemplat fl-Ordni Permanenti 8 (2) jekk ikun hemm imiss; u illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis fil-għaxija biss, isir xogħol kif kontemplat fl- Ordni Permanenti 8 (2), jekk ikun hekk imiss;

(d) Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu għat-tenur ta' l-Ordni Permanenti (8) 3 għandhom jitħallew għall-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta li tkun, billi l- ewwel votazzjoni tittieħed wara għaxar minuti minn meta terġa' tintalab, u l-istess proċedura tiġi segwita f'każ ta' votazzjonijiet oħra b'dan illi dawn il-votazzjonijiet jittieħdu mmedjatament wara l- ewwel votazzjoni.

29.09.1989